



0067/2015

11.11.2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fost il-professjonisti fil-qasam tal-fitness permezz tar-rikonoxximent tal-hillet u l-kwalifikasi tagħhom

Antanas Guoga (ALDE), Pavel Telička (ALDE), Santiago Fisas Ayxelà (PPE), Brando Benifei (S&D), Marc Tarabella (S&D), Sofia Sakorafa (GUE/NGL), Lefteris Christoforou (PPE), Theodoros Zagorakis (PPE), Ulla Tørnæs (ALDE), Bogdan Wenta (PPE), Angel Dzhambazki (ECR), Demetris Papadakis (S&D), Seán Kelly (PPE)

Data ta' skadenza: 11.2.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fost il-professjonisti fil-qasam tal-fitness permezz tar-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifikasi tagħhom¹

1. L-istrateġija Ewropa 2020 tippromwovi aġenda għal ġiliet u impjieg iġoddha li jkampaw aħjar mal-provvista u d-domanda tax-xogħol inkluż permezz tal-mobilità tal-ħaddiema.
2. Ir-Rapport Speċjali tal-Ewrobarometru tal-2014 dwar l-Isport u l-Attività Fiżika kkonferma li l-fitness kien l-ikbar sport parteċipanti u l-uniku qasam tal-isport rikreazzjonali li wera żieda fl-għadd ta' persuni li pparteċipaw.
3. Id-diffikultajiet kontinwi b'rabta mar-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifikasi joħolqu ostakolu sinifikanti għall-impieg u l-mobilità ta' bosta professjonisti fil-qasam tal-fitness fl-Ewropa.
4. Il-Kummissjoni qed tintalab theggex lill-Istati Membri biex iqisu sew l-eżitu mill-grupp ta' referenza tal-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifikasi u Impjiegli li ddetermina l-impieg u l-ħiliet ewlenin għall-professjonisti fil-qasam tal-fitness.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgħi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.